# Linji Gwida
# għall-Eżamijiet Annwali
# fl-Iskejjel Sekondarji tal-Istat
# (Ippubblikati fl-2016)

Maħruġa mid-Dipartiment tal-Malti
tad-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu,
Id-Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni.

# Daħla

## L-Għanijiet ta' dawn il-linji gwida

Dawn il-linji gwida qed jiġu ppreżentati lill-għalliema tal-Malti għal żewġ raġunijiet. L-ewwel biex ikun hemm miktub ċar u tond x'inhu mistenni fl-eżamijiet annwali li l-għan aħħari tagħhom hu li jassessjaw fuq skala nazzjonali l-livell milħuq mill-istudenti kollha. Għalhekk dawn il-linji gwida jassiguraw li l-għalliema kollha jmexxu l-klassijiet tagħhom lejn assessjar li jkunu jafu minn qabel x'jista' jitlob mill-istudenti. B'hekk jiġi evitat il-biża' li l-istudenti ma jkunux jafu l-kif u x'ser joħroġ fl-eżami li jista' jkollu effetti negattivi fuq il-prestazzjoni tagħhom.
It-tieni għan huwa li dawn il-linji gwida jservu ta' għajnuna u punt ta' referiment għall-għalliema, speċjalment dawk ġodda, fit-tfassil tal-karta tal-eżami ta' nofs is-sena. L-għalliema huma mħeġġa jikkonsultawhom u jimxu mas-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet mogħtija biex jassiguraw li kemm jista' jkun tinħoloq uniformità fl-eżamijiet ta' nofs is-sena u b'hekk ir-riżultati miksuba mill-istudenti fi skejjel u kulleġġi f'karti tal-eżami differenti, imma fuq l-istess linji u tqassim, ikunu aktar validi u ta'min jorbot fuqhom.
Dawn il-linji gwida jsegwu dawk maħruġa għall-ewwel sentejn tas-sekondarja fl-2013 imma jagħtu kas tar-realtà tal-istudenti li fl-aħħar tal-Ħames Sena jridu jagħmlu l-eżami taċ-ĊES. Għalhekk il-binja u t-tifsila tal-eżami annwali sa mit-tielet sena tibda tqarreb u tħejji lill-istudenti għal dan l-eżami aħħari taċ-ĊES. Għal studenti li qegħdin f'rotot differenti (rotta 1 u CCP) fir-raba' u l-ħames sena, inħarġu programmi apposta ta' tagħlim u assessjar li fuqhom jinbnew il-karti tal-eżamijiet annwali.

## Il-preżentazzjoni tal-karta

Fil-karti tal-Malti għandhom ikunu użati t-tipi kollha Maltin. Biex wieħed iżid it-tastiera bil-Malti fil-laptop tiegħu, jista' jara l-manwal elettroniku fis-sit tad-Dipartiment tal-Malti malti.skola.edu.mt Għandha tingħata attenzjoni speċjali għad-distinzjoni grafika bejn l-appostrofu u l-aċċent fl-aħħar tal-kelma.
Il-font irrakkomandat huwa t-*Times New Roman* u l-qies tat-tipa m'għandux ikun inqas minn tnax. It-titli jistgħu jkunu ta' qies erbatax. L-ispazju ta' bejn il-linji għandu jkun ta' wieħed u nofs jew tnejn, skont kemm u kif tippermetti l-paġna. M'għandux ikun hemm taħlit ta' fonts fl-istess karta u fejn tkun meħtieġa enfasi, bħal pereżemju fl-istruzzjonijiet tat-taħriġ, għandu jintuża l-grassett (bold) biss u m'hemmx għalfejn ikun sottolinjat ukoll.
Għandhom jiġu evitati kemm jista' jkun li testi tal-qari jew referenza jkunu mifruxa fuq żewġ paġni li l-istudenti jkollhom joqogħdu jqallbu l-paġna kull darba biex jaraw it-test. L-aħjar tqassim ikun li fuq naħa jkollok it-test u taħtu jew faċċata tiegħu jkun hemm il-mistoqsijiet.
Il-karta tal-eżami għandha titfassal bil-għaqal u l-istudenti jingħataw l-ispazju kollha meħtieġ fejn jiktbu. Kull paġna għandha tkun innumerata u jingħata wkoll in-numru totali tal-karti, (pereżempju *paġna 1 minn 12*). M'għandhomx jitħallew paġni vojta kemm jista' jkun u jekk ikun il-każ dawk vojta għandhom jintużaw għall-kitba flok il-fulskaps. Hu rrakkomandat li l-karta tal-eżami m'għandhiex tkun iktar minn tnax-il paġna.
Jekk ikun meħieġ li jiddaħħlu xi stampi dawn għandhom ikunu relevanti mat-test jew mat-taħriġ, għandhom ikunu ċari u ta' riżoluzzjoni tajba biżżejjed li jiġu kkupjati fil-karti. M'għandhomx

jitpoġġew wisq stampi speċjalment fil-karti tar-rotot 2 u 3 għax jistgħu jkunu ta' aljenazzjoni u telf ta' ħin.

Kull karta tal-eżami għandu jkollha l-iskema tal-marki li turi ċar it-tqassim tal-marki għal kull tweġiba, l-istruzzjonijiet kollha meħtieġa ta' x'ser jiġi aċċettat bħala tweġiba tajba u t-tweġibiet aċċettabbli u possibbli kollha li jista' jkun hemm. L-għalliema għandhom jaraw li l-kliem tal-mistoqsija jkun ċar, jinftiehem sewwa u ħieles minn kull ambigwità li tista' tfixkel lill-istudenti milli jifhmu u jwieġbu tajjeb.

Meta t-tweġiba tkun waħda miftuħa, il-korrettur għandu jingħata indikazzjoni ta' x' jista' jaċċetta bħala tweġiba tajba. Jekk ikun hemm eżerċizzju li fih ikunu/ma jkunux ser jitnaqqsu marki għall-iżbalji tal-ortografija, dan għandu jkun indikat ċar lill-korrettur fl-iskema tal-marki fit-taqsima ta' dak l-eżerċizzju partikulari.

# It-Tielet u r-Raba' Sena

## It-Tielet Sena Rotta 1, 2 u 3[1]

**It-tqassim tal-karta annwali**

| | Il-ħila | Il-marka | Il-ħin | Il-kontenut |
|---|---|---|---|---|
| 1 | **It-taħdit (assessjat fil-klassi)** | **10** | | Preżentazjoni fil-klassi tal-proġett bit-taħdit assessjat skont kriterji stabbiliti. |
| 2 | **Is-smigħ** | **10** | 15-il minuta | Żewġ siltiet (waħda fattwali u oħra fittizja) għal Rotta 1<br>Silta waħda (fattwali jew fittizja) għal Rotta 2 u 3 |
| 3 | **Il-qari u l-kitba** | **80** | sagħtejn (120 min) | |
| a | **Il-lingwa** | (50) | 60 minuta | Fehim it-test (10 marki)<br>Għarfien il-lingwa (4 marki)<br>Il-Grammatika (8 marki)<br>Il-kitba komunikattiva (8 marki)<br>Il-komponiment ġenerali (20 marka) |
| b | **Il-letteratura** | (30) | 60 minuta | Analiżi testwali ta' poeżija obbligatorja (10 marki)<br>Il-poeżija/i (10 marki)<br>In-novella/i (10 marki) |

**Linji gwida fuq it-tqassim u l-kontenut**

### 1.0 It-Taħdit (10 marki)

It-taħdit jiġi assessjat mill-għalliema permezz ta' preżentazzjoni orali u riċerka fuq il-proġetti mogħtija mill-istudenti fil-klassi skont temi, proċeduri u kriterji kif deskritti fiċ-ċirkulari DCM 133/2014 maħruġa fis-17 ta' Settembru 2014. Il-marka tat-taħdit hija minn 10 u tagħmel parti mill-marka globali tal-eżami annwali.

Fis-sit elettroniku **malti.skola.edu.mt** wieħed jista' jsib il-kriterji u t-tqassim tal-marki għall-assessjar tal-preżentazzjoni. L-għalliema huma mħeġġa jgħarrfu u jagħtu lill-istudenti minn qabel il-kriterji stabbiliti li fuqhom ikunu ser jassessjawhom waqt il-preżentazzjoni tagħhom. **Il-galvu bil-marki mogħtija lil kull student għandu jitqiegħed mal-karta tal-eżami.**

[1] Il-programm tas-CCP għandu struttura u karta tal-eżami għalih differenti minn dawn, ara s-sit malti.skola.edu.mt

**2.0 Is-Smigħ (10 marki)**
Is-siltiet għas-smigħ u t-taħriġ/il-mistoqsijiet fuqhom għandhom ikunu differenti minn rotta għal oħra u jkunu addattati għal-livell tal-istudenti. It-temi magħżula għandhom ikunu kemm jista' jkun attwali u interessanti.

**2.1 Għall-istudenti ta' Rotta 1**
L-istudenti jisimgħu **żewġ siltiet, waħda fattwali u l-oħra fittizja**. Dawn jistgħu jittieħdu minn sorsi varji bħal testi letterarji, artikli, rapporti, korrispondenzi u editorjali ta' ġurnali (stampati jew elettroniċi), bloggs jew minn fora pubbliċi. Is-siltiet jistgħu jkunu ta' natura narrattiva, deskrittiva u informattiva fejn tista' tingħata ftit dejta, statistika, numri u ċifri. Is-silta tista' tkun ukoll monologu jew djalogu.
L-istudenti jisimgħu lill-eżaminatur jaqra s-silta, l-istruzzjonijiet tat-taħriġ u t-taħriġ innifsu darbtejn.
**Fuq il-karta tal-eżami fl-ewwel paġna ser ikun hemm l-istruzzjonijiet li l-għalliema jridu jsegwu kelma b'kelma waqt l-eżami. Dawn l-istruzzjonijiet huma mehmużin f'Appendiċi 1.**
It-taħriġ fuq is-siltiet tas-smigħ jista' jitlob lill-istudenti jagħżlu t-tweġiba t-tajba minn għadd ta' tweġibiet; iqabblu l-kolonni biex jgħaqqdu s-sentenza skont dak li jkunu semgħu; jimlew il-vojt b'kelma/kliem mis-silta; ikomplu s-sentenza skont is-silta mismugħa jew jagħtu t-tifsira ta' xi kliem jew espressjoni idjomatika kif użata fis-silta.
Fejn ikun hemm taħriġ bil-kitba, l-istudenti huma mħeġġa li jiktbu b'Malti tajjeb u skont ir-regoli tal-ortografija minkejja li f'din it-taqsima tas-smigħ ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi. Madankollu jekk il-korrettur ma jkunx jista' jagħraf il-kelma miktuba (minħabba l-kaligrafija jew l-ortografija) m'għandux jgħodd it-tweġiba bħala tajba.
*Għan-numru ta' kliem tas-silta tas-smigħ ara t-Tabella A f'Appendiċi 2.*

**2.2 Għal studenti ta' Rotot 2 u 3**
L-istudenti jisimgħu silta waħda li tista' tkun fattwali jew fittizzji meħuda minn sorsi varji bħal testi letterarji u artikli, rapporti, korrispondenzi u editorjali ta' ġurnali (stampati jew elettroniċi), bloggs fora pubbliċi. Is-silta tista' tkun ta' natura narrattiva, deskrittiva u informattiva fejn tingħata dejta, statistika, numri u ċifri. Tista' tkun ukoll monologu, djalogu jew konverżazzjoni bejn tliet persuni (mhux aktar).
L-istudenti jisimgħu lill-eżaminatur jaqra s-silta, l-istruzzjonijiet tat-taħriġ u t-taħriġ innifsu darbtejn.
**Fuq il-karta tal-eżami fl-ewwel paġna ser ikun hemm l-istruzzjonijiet li l-għalliema jridu jsegwu kelma b'kelma waqt l-eżami. Dawn l-istruzzjonijiet huma mehmużin f'Appendiċi 1.**

It-taħriġ fuq is-silta tas-smigħ jista' jitlob lill-istudenti jagħżlu t-tweġiba t-tajba minn għadd ta' tweġibiet; iqabblu l-kolonni biex jgħaqqdu s-sentenza skont li jkunu semgħu; jimlew il-vojt b'kelma/kliem mis-silta; ikomplu s-sentenza skont is-silta mismugħa jew jagħtu t-tifsira ta' xi kliem jew espressjoni idjomatika kif użata fis-silta.
Fejn ikun hemm taħriġ bil-kitba, l-istudenti huma mħeġġa jiktbu b'Malti tajjeb u skont ir-regoli tal-ortografija minkejja li f'din it-taqsima tas-smigħ ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi. Madankollu jekk il-korrettur ma jkunx jista' jagħraf il-kelma miktuba (minħabba l-kaligrafija jew l-ortografija) m'għandux jgħodd it-tweġiba bħala tajba.
*Għan-numru ta' kliem tas-silta tas-smigħ ara t-Tabella A fl-Appendiċi 2.*

### 3.0 Il-Qari u l-Kitba (80 marka)

Il-karta tal-qari u l-kitba fiha żewġ taqsimiet ewlenin. L-ewwel taqsima tassessja l-lingwa filwaqt li t-tieni tassessja l-apprezzament letterarju tat-testi stabbiliti. Il-karta tieħu sagħtejn u fiha 80 marka.

### 3.1 L-Ewwel Taqsima: Il-Lingwa (50 marka)

Din it-taqsima fiha ħames partijiet li huma:

**i) Fehim it-Test (10 marki)**

L-istudenti jingħataw silta għall-qari li tkun fattwali u <u>mhux letterarja</u>. Hu rrakkomandat lil-għalliema jipprovdu silta oriġinali tagħhom li tista' tkun mibnija jew addattata minn fuq xi artiklu, korrispondenza, informazzjoni, statistika, opinjoni li tkun dehret f'xi ġurnal stampat jew elettroniku. L-għalliema għandhom jaraw li t-tema li tingħażel għas-silta tkun interessanti u attwali li toqlot l-interess ġenerali tal-istudenti tal-età li qed jagħmlu l-eżami. Huma għandhom jaraw ukoll li jaddattaw il-livell tas-silta skont ir-rotta tal-eżami.
**Mhux meħtieġ li l-istess silta tintuża fl-eżamijiet tar-rotot kollha. Jistgħu jintużaw siltiet differenti għall-eżamijiet ta' rotot differenti.**
L-istudenti jintalbu jaqraw it-test u wara jwieġbu l-mistoqsijiet biex juru li fehmu t-test kif ukoll li kapaċi jifhmuh, jinterpretawh u jagħtu r-reazzjoni tagħhom għalih. It-test jista' jkun addattat jew tradott minn sorsi barranin. Taħt it-test dejjem għandu jingħata għarfien lill-awtur u s-sors minn fejn ikun ittieħed. Meta l-kitba tkun oriġinali tal-għalliema, m'għandu jitniżżel xejn.
It-test jista' jkun artiklu, rapport ta' avveniment/ġrajja, lokali u mhix, espressjoni ta' fehmiet u argumenti ta' xejriet lokali u/jew internazzjonali li jittrattaw aspetti politiċi, ekonomiċi, soċjali, lingwistiċi, edukattivi, sportivi, marbutin mas-saħħa, u oħrajn ta' interess għall-ħajja tagħna llum, kummentarju jew editorjal ta' rivisti jew ġurnali. It-testi jistgħu jinkludu ċifri, dati, dejta u statistika.
It-test għandu jkun maqsum f'paragrafi biex l-istudenti jkunu megħjuna jfittxu t-tweġibiet. Fejn meħtieġ, fil-mistoqsija ssir referenza għall-paragrafu fejn ikun hemm it-tweġiba.
Fit-test u l-mistoqsijiet jistgħu jiddaħħlu qwiel (mil-lista uffiċjali għal din is-sena) u idjomi popolari biex l-istudenti jintalbu jfissruhom fil-kuntest tas-silta. Għandu jiġi evitat kemm jista' jkun kliem arkajk u tekniku imma fejn ikun neċessarju għall-fehim tas-silta, għandu jitfisser permezz ta' noti fil-qiegħ tal-paġna (*footnotes*). Minn dawn in-noti m'għandux ikun hemm iktar minn erbgħa f'test wieħed għall-qari.
Il-mistoqsijiet jistgħu jġorru nofs marka, marka jew aktar. It-tul u l-għamla tat-tweġiba għandhom ikunu riflessi fil-piż ta' marki li jingħataw. L-istudenti għandhom jingħataw spazju biżżejjed biex jiktbu t-tweġiba tagħhom.
L-istudenti jintalbu jwieġbu taħlita ta' mistoqsijiet li jistgħu jkunu referenzjali, inferenzjali, miftuħa, u/jew b'għażla multipla. Huma mistennija li jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi f'dan it-taħriġ.

*Għat-tul tat-test ara t-Tabella B f'Appendiċi 2.*

**ii) Għarfien il-Lingwa (4 marki)**

L-istudenti jkunu mitluba jwieġbu mistoqsijiet fuq l-aspett lessikali u idjomatiku ta' xi partijiet mit-test. Jiġu mistoqsija wkoll fuq il-lingwa użata u l-effetti li toħloq u r-reazzjoni tagħhom għaliha. F'dawn il-mistoqsijiet l-istudenti għandhom ikunu ggwidati biex isibu l-kelma/kliem mistħarrġa kemm billi tingħata r-referenza tal-paragrafu kif ukoll billi l-kelma/kliem fit-test ikun immarkat bil-grassett. L-istudenti mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi f'dan it-taħriġ.
Il-mistoqsijiet jistgħu jġorru nofs marka, marka jew aktar. Il-marki mogħtija għandhom jirriflettu t-toqol u l-impenn tat-tweġiba mistennija u għandu jkollha l-ispazju kollu xieraq biex l-istudenti jiktbu kemm meħtieġ.

**iii) Il-Grammatika (8 marki)**

L-istudenti jingħataw silta oħra qasira fattwali jew fittizja *(għat-tul tas-silta ara t-Tabella F f'Appendiċi 2)* biex minnha jwieġbu mistoqsijiet ta' xeħta grammatikali. Wara li jaqraw is-siltal-istudenti jkunu mitluba jwieġbu tmien mistoqsijiet ta' marka 'l waħda. **Il-mistoqsijiet jittrattaw l-aspetti grammatikali li l-istudenti jkunu koprew fit-tielet sena biss.** Dawn il-mistoqsijiet għandhom isiru bil-għan li l-istudenti jkunu mistħarrġa fuq l-għarfien tagħhom tar-regoli komuni u bażiċi tal-Malti u għalhekk m'għandhomx jingħataw mistoqsijiet fuq eċċezzjonijiet estremi u kliem arkajku.
L-istudenti huma mistennija li jiktbu b'Malti tajjeb u korrett għaliex f'dawn it-tweġibiet ser tkun assessjata l-ortografija. It-tweġiba tingħadd tajba biex tingħata l-marka sħiħa (ma jingħatawx nofs marki f'din il-parti tal-karta) jekk tkun korretta u miktuba sewwa ortografikament.
Il-mistoqsijiet iġorru marka kull waħda. Il-marki mogħtija għandhom jirriflettu t-toqol u l-impenn tat-tweġiba mistennija u għandu jkollha l-ispazju kollu xieraq biex l-istudenti jiktbu kemm meħtieġ.

**iv) Il-Kitba komunikattiva (8 marki)**

L-istudenti jingħataw żewġ titli tal-istess ġeneru ta' kitba u jintalbu jiktbu fuq wieħed minnhom. Għat-tul ta' kliem ara *t-Tabella D f'Appendiċi 1*. Il-ġeneri li jistgħu jingħataw huma d-djalogu (kitba sħiħa jew tkomplija), l-ittra postali u elettronika (formali u informali), rapport ta' ġrajja jew avveniment, artiklu qasir biex jesprimu opinjoni, deskrizzjoni ta' festi u ċerimonji, direzzjonijiet u istruzzjonijiet, jiktbu jew iwieġbu għal avviż jew riklam, deskrizzjoni ta' ktieb, dramm jew film, mili ta' formoli u applikazzjonijiet bħal *curriculum vitae*.
Mat-titlu, l-istudenti jistgħu jingħataw għajnuniet fil-forma ta' sentenzi, stampi jew mistoqsijiet biex jgħinuhom ifasslu l-kitba. Mhumiex obbligati li jużawhom u m'għandhomx jitnaqqsu marki jekk ma jużawhomx jew jużaw ftit minnhom biss.
F'din il-parti tal-kitba, l-istudenti jiġu assessjati fuq il-kontenut tal-kitba, it-tħaddim tal-ġeneru, l-ortografija u l-punteġġjatura. Dawn iridu jidhru ċari fil-kriterji tal-assessjar fl-iskema tal-marki għall-korrettur.

**v) Il-Komponiment Ġenerali (20 marka)**

L-istudenti jingħataw tliet titli ta' komponimenti biex jagħżlu wieħed u jikbtu fuqu. Għall-ammont tal-kliem li jridu jiktbu ara *t-Tabella Ċ f'Appendiċi 2*.

It-titli mogħtija għandhom ikunu waħda minn kull xejra ta' dawn li ġejjin: narrattiva, deskrittiva u argumentattiva. It-titli jistgħu jkunu fil-forma ta' sentenza fattwali, stqarrija, mistoqsija, għajdut popolari jew qawl, argument u kontrargument. Għandhom jinkludu wkoll għadd ta' għajnuniet, fil-forma ta' mistoqsijiet/sentenzi/stampi/testi, biex jekk l-istudenti jridu, jużawhom biex jibnu l-komponiment tagħhom. L-istudenti mhumiex obbligati li jimxu mal-għajnuniet u m'għandhomx jiġu ppenalizzati jekk ma jużawhomx.

Fil-komponiment, l-istudenti huma mistennija jiktbu b'Malti tajjeb, idjomatiku u mexxej, u juru li kapaċi jesprimu ħsibijiethom b'mod ċar, loġiku, f'sekwenza u koerenza bla repetizzjonijiet żejda.L-assessjar tal-kitba jsir skont kriterji stabbilit fl-iskema tal-marki u jkun hemm allokati marki għall-format u t-tqassim korrett skont kif jitlob il-ġeneru tal-kitba, il-lessiku u l-idjoma użati kif ukoll l-oriġinalità u l-kreattività murija mill-istudent. L-ortografija u l-punteġġjatura huma assessjati wkoll f'dan l-eżerċizzju.

### 3.2 It-Tieni Taqsima: Il-Lettaratura (30 marka)

Din it-taqsima fiha tliet partijiet li huma:

**i) Referenza għall-Kuntest (Poeżija) (10 marki)**

L-istudenti jingħataw poeżija obbligatorja jew silta minnha (ara l-avviż maħruġ fit-2 ta' Ġunju 2014 *Aġġornament tas-sillabu tal-Malti tat-Tielet Sena tas-Sekondarja 2014-2015)* biex iwieġbul-mistoqsijiet fuqha.

Bħala test ta' referenza fl-eżami tista' tingħata l-poeżija sħiħa jew silta minnha. L-istudenti jkunu mitluba li l-ewwel jaqraw it-test u wara jwieġbu l-mistoqsijiet fuqu.

Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu ffukati kemm fuq is-silta mogħtija fl-eżami kif ukoll fuq it-test sħiħ.Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu ta' referenza għat-test, interpretazzjoni u evalwazzjoni kif ukoll marbutin ma' metrika u prosodija. Għat-termini letterarji li jistgħu jingħataw mistoqsijiet fuqhom l-istudenti, wieħed għandu jirreferi għal-lista mehmuża f'Appendiċi 3 u li hija mibnija fuq it-termini li hemm fis-sillabu taċ-ĊES. **Ikun mistenni li barra li l-istudenti jkunu kapaċi jisiltu l-eżempju mitlub tat-terminu letterarju, ikunu kapaċi jagħrfu l-effetti tiegħu kemm fit-test kif ukoll fuqhom bħala qarrejja.**

L-istudenti huma mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi.

**ii) Il-Poeżiji minn *Nadriet 3* (10 marki)**

**a) Għall-istudenti ta' Rotta 1**

L-istudenti jintalbu jwieġbu għadd ta' mistoqsijiet diretti u referenzjali fuq il-poeżiji obbligatorji li jkunu studjaw tul is-sena. Il-mistoqsijiet ikunu jirreferu kemm għall-kontenut u l-interpretazzjoni tagħhom tal-poeżija kif ukoll għal aspetti letterarji bħall-metrika u l-figuri tad-diskors. Għat-tabella tal-figuri tad-diskors ara *Appendiċi 2*. Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu fil-forma ta' taħriġ/iet li fihom l-istudenti jintalbu jagħtu tweġiba diretta, jagħżlu t-tajba, jiktbu veru jew falz u jqabblu kolonna m'oħra biex jgħaqqdu sewwa s-sentenza.

L-istudenti huma mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi.

**b) Għall-istudenti ta' Rotot 2 u 3**

L-istudenti jingħataw żewġ mistoqsijiet biex jagħżlu waħda u jiktbu fuqha. Għat-tul ta' kliem ara *Tabella E f'Appendiċi 2*.
Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu fuq aspetti ġenerali tal-poeżiji partikulari u/jew tqabbil ta' temi ugwali/differenti f'għadd ta' poeżiji. L-istudenti jkunu mitluba jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom għall-poeżiji skont it-tema mistħarrġa.
L-istudenti huma mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi.

**iii) In-Novelli minn *Stejjer għal qabel jidlam* (10 marki)**

**a) Għall-istudenti ta' Rotta 1**

L-istudenti jintalbu jwieġbu żewġ mistoqsijiet ta' xejra ġenerali fuq in-novelli li jkunu għamlu tul is-sena. Il-mistoqsijiet jistgħu jirreferu għall-kontenut u l-interpretazzjoni tagħhom tan-novella u jkunu fil-forma ta' taħriġ/iet li fihom jagħtu tweġibiet diretti/referenzjali.
L-istudenti huma mistennija jiktbu b'Malti korrett, jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi.

**b) Għall-istudenti ta' Rotta 2 u 3**

L-istudenti jingħataw żewġ titli biex jagħżlu wieħed u jiktbu fuqu. Għat-tul ta' kliem ara t- E f'Appendiċi 2. It-titli jistgħu jirreferu għal aspett ġenerali ta' novella jew tqabbil ta' temi/ ugwali jew differenti f'għadd ta' novelli. L-istudenti jkunu mitluba jagħtu l-fehma u r-reazzjoni tagħhom għal dak li jkunu qraw u għal kif l-awtur żviluppa l-ġrajja u l-karattri. Jistgħu jintalbu wkoll jikkummentaw fuq l-aspetti stilistiċi bażiċi tan-novella skont it-termini fit-tabella *Appendiċi 3*. L-istudenti jistgħu jingħataw xi għajnuniet biex jgħinuhom jiżviluppaw kitbithom.
L-istudenti huma mistennija li jiktbu b'Malti korrett, jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi f'din il-kitba.

## Ir-Raba' Sena Rotta 1

| **It-taħdit: 20 marka** |
|---|
| Dawn il-marki jingħataw għat-taħdit fuq il-personaġġi Maltin u barranin li jkun sar wara l-eżami ta' Frar. Il-marka tinħadem fuq **żewġ preżentazzjonijiet** li jkunu għamlu l-istudenti fil-klassi. |
| **Is-smigħ: 20 marka** |
| Jingħataw żewġ testi, wieħed fattwali u l-ieħor fittizju u l-istudenti jimmarkaw jew jagħtu t-tweġiba t-tajba skont li jkunu semgħu. |
| **Assessjar tax-xogħol tul is-sena: 10 marki** |
| L-għalliema jagħtu marka fuq l-aħjar xogħlijiet li jkun għamel l-istudent tul is-sena u li jkunu xhieda tal-progress u l-ilħiq tal-miri tat-tagħlim skont dan il-programm. **Għall-eżami annwali, l-marka trid tinħadem fuq l-aħjar 2 kampjuni ta' komponimenti ġenerali u 3 kampjuni ta' kitbiet qosra magħżula mill-għalliema stess.** Ix-xogħlijiet jistgħu jinżammu f'fajl apposta li jibqa' jintuża fil-Ħames Sena biex jagħti stampa ta' ħidmet l-istudent. |
| **Il-qari u l-kitba: 50 marka li jinqasmu hekk:** |
| **Il-qari: 15-il marka.** |
| 8 marki għall-fehim mill-qari u t-tweġib ta' mistoqsijiet diretti u inferenzjali fuq it-test mogħti. |
| 7 marki għall-grammatika fejn tingħata silta qasira u minnha jinħarġu mistoqsijiet /eżerċizzji grammatikali li jkopru l-punti msemmija f'dan il-programm. |
| **Il-letteratura: 15-il marka.** |
| 8 marki għall-analiżi tal-poeżija (tista' tingħata silta minnha jew kollha) li jkunu għamlu fil-klassi. |
| 7 marki għall-analiżi ħafifa tal-karattri, l-isfond u l-ġrajja ta' silta mir-rumanz. |
| **Il-kitba: 20 marka** |
| 6 marki għall-kitba l-qasira ta' wieħed mill-ġeneri msemmija. |
| 2 marki għall-pjan tal-komponiment ġenerali li juri l-ħila tal-ippjanar u t-tqassim . |
| 12-il marka għall-komponiment ġenerali skont it-tipi msemmija. |
| |

## <u>It-Tabella tal-Marka Totali fl-Annwali</u>

| Il-Ħila | It-Taħdit | Is-Smigħ | Xogħol tul is-sena | Qari u kitba | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Marka** | **20** | **20** | **10** | **50** | **100** |
| **Marki tal-istudent/a** | | | | | |

# Ir-Raba' Sena Rotta 2 u 3[2]

**It-tqassim tal-karta annwali**

| | Il-ħila | Il-marka | Il-ħin | Il-kontenut |
|---|---|---|---|---|
| 1 | **It-taħdit**<br>**(assessjat fil-klassi)** | **10** | | Preżentazjoni fil-klassi tal-proġett bit-taħdit assessjat skont kriterji stabbiliti. |
| 2 | **Is-smigħ** | **10** | 15-il minuta | Silta waħda (fattwali jew fittizja) |
| 3 | **Il-qari u l-kitba** | **80** | Sagħtejn (120 min) | |
| a | **Il-lingwa** | (50) | | Fehim it-test (10 marki)<br>Għarfien il-lingwa (4 marki)<br>Il-grammatika (8 marki)<br>Il-kitba komunikattiva (8 marki)<br>Il-komponiment ġenerali (20 marka) |
| b | **Il-letteratura** | (30) | | Analiżi testwali (poeżija/novella) (15-il marka)<br>Komponiment fuq ir-rumanz (15-il marka) |

**Linji gwida fuq it-tqassim u l-kontenut**

### 1. It-Taħdit (10 marki)

It-taħdit jiġi assessjat mill-għalliema permezz ta' preżentazzjoni orali u riċerka fuq il-proġetti mogħtija mill-istudenti fil-klassi skont temi, proċeduri u kriterji kif deskritti fiċ-ċirkulari DCM 133/2014 maħruġa fis-17 ta' Settembru 2014. Il-marka tat-taħdit hija minn 10 u tagħmel parti mill-marka globali tal-eżami annwali.

Fis-sit elettroniku **malti.skola.edu.mt** wieħed jista' jsib il-kriterji u t-tqassim tal-marki għall-assessjar tal-preżentazzjoni. L-għalliema huma mħeġġa jgħarrfu u jagħtu lill-istudenti minn qabel il-kriterji

[2] L-istudenti ta' Rotta 1 għandhom programm differenti ta' studju u assessjar. Ara ċ-ċirkulari DCM118/2014 maħruġa fil-25 t'Awwissu 2014 u s-sit elettroniku malti.skola.edu.mt

stabbiliti li fuqhom ikunu ser jassessjawhom waqt il-preżentazzjoni tagħhom. **Il-galvu bil-marki mogħtija lil kull student għandu jitqiegħed mal-karta tal-eżami.**

## 2.0 Is-Smigħ (10 marki)

L-istudenti jisimgħu **silta waħda** li tista' tkun fattwali jew fittizzja meħuda minn sorsi varji bħal testi letterarji, artikli, rapporti, korrispondenzi u editorjali ta' ġurnali (stampati jew elettroniċi), bloggs jew minn fora pubbliċi. Is-silta tista' tkun ta' natura narrattiva, deskrittiva, argumentattiva jew informattiva fejn tingħata dejta, statistika, numri u ċifri. Tista' tkun ukoll monologu, djalogu jew konverżazzjoni bejn tliet persuni.

L-għalliema li jkunu ser jagħmlu s-sessjoni tas-smigħ għandhom isegwu l-istruzzjonijiet li jkun hemm fuq quddiem tal-karta tal-eżami. L-istudenti jisimgħu lill-eżaminatur jaqra s-silta, l-istruzzjonijiet tat-taħriġ u t-taħriġ innifsu darbtejn. **Fuq il-karta tal-eżami fl-ewwel paġna ser ikun hemm l-istruzzjonijiet li l-għalliema jridu jsegwu kelma b'kelma waqt l-eżami. Dawn l-istruzzjonijiet huma mehmużin f'Appendiċi 1.**

It-taħriġ fuq is-silta tas-smigħ jista' jitlob lill-istudenti jagħżlu t-tweġiba t-tajba minn għadd ta' tweġibiet; iqabblu l-kolonni biex jgħaqqdu s-sentenza skont dak li jkunu semgħu; jimlew il-vojt b'kelma/kliem mis-silta; ikomplu s-sentenza skont is-silta mismugħa jew jagħtu t-tifsira ta' xi kliem jew espressjoni idjomatika hekk kif użata fis-silta, jagħtu interpretazzjoni, opinjoni u ġudizzju fuq dak li jkunu semgħu u juri li fehmu l-messaġġi moħbija li jista' jkun hemm fis-silta.

Fejn ikun hemm taħriġ bil-kitba, l-istudenti huma mħeġġa li jiktbu b'Malti sew u skont ir-regoli tal-ortografija minkejja li f'din it-taqsima tas-smigħ ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi. Madankollu jekk il-korrettur ma jkunx jista' jagħraf il-kelma miktuba (minħabba l-kaligrafija jew l-ortografija) m'għandux jgħodd it-tweġiba bħala tajba.

*Għan-numru ta' kliem tas-silta tas-smigħ ara t-Tabella A f'Appendiċi 2.*

## 3.0 Il-Kitba (80 marka)

Il-karta tal-kitba fiha żewġ taqsimiet ewlenin. L-ewwel taqsima tassessja l-lingwa filwaqt li t-tieni tassessja l-apprezzament letterarju tat-testi stabbiliti. Il-karta tieħu sagħtejn u fiha tmenin marka.

### 3.1 L-Ewwel Taqsima: Il-Lingwa (50 marka)

Din it-taqsima fiha ħames partijiet li huma:

#### i) Fehim it-Test (10 marki)

L-istudenti jingħataw silta **għall-qari li tkun fattwali u mhux letterarja.** Hu rrakkomandat lil-għalliema jipprovdu silta oriġinali tagħhom li tista' tkun mibnija jew addattata minn fuq xi artiklu, korrispondenza, informazzjoni, statistika, opinjoni li tkun dehret f'xi ġurnal stampat jew elettroniku. L-għalliema għandhom jaraw li t-tema li tingħażel għas-silta tkun interessanti u attwali u tolqot l-interess ġenerali tal-istudenti tal-età li qed jagħmlu l-eżami. Huma għandhom jaraw ukoll li jaddattaw il-livell tas-silta skont ir-rotta tal-eżami.

**Mhux meħtieġ li l-istess silta tintuża fl-eżamijiet tar-rotot kollha. Jistgħu jintużaw siltiet differenti għall-eżamijiet ta' rotot differenti.**
L-istudenti jintalbu jaqraw it-test u wara jwieġbu l-mistoqsijiet biex juru li fehmu t-test kif ukoll li kapaċi jinterpretawh u jagħtu r-reazzjoni tagħhom għalih. It-test jista' jkun addattat minn sorsi barranin. Taħt it-test dejjem għandu jingħata għarfien lill-awtur u s-sors minn fejn ikun ittieħed it-test. Meta l-kitba tkun oriġinali tal-għalliema, m'għandu jitniżżel xejn.
It-test jista' jkun artiklu, rapport ta' avveniment/ġrajja, lokali u mhix, espressjoni ta' fehmiet u argumenti ta' xejriet lokali u/jew internazzjojnali li jittrattaw aspetti politiċi, ekonomiċi, soċjali, lingwistiċi, edukattivi, sportivi, tas-saħħa, u oħrajn ta' interess għall-ħajja tagħna llum u kummentarju jew editorjal ta' rivisti jew ġurnali. It-testi jistgħu jinkludu ċifri, dati, dejta u statistika. It-test għandu jkun maqsum f'paragrafi biex l-istudenti jkunu megħjuna fejn ifittxu t-tweġibiet. Fejn meħtieġ, fil-mistoqsija tingħata r-referenza tal-paragrafu fejn ikun hemm it-tweġiba. L-użu tal-istampi għandu jkun limitat u jekk jintużaw għandhom jgħinu aktar lill-istudenti fil-fehim tat-tema ċentrali.
Fit-test u l-mistoqsijiet jistgħu jiddaħħlu xi qwiel (mil-lista uffiċjali għal din is-sena) u idjomi popolari biex l-istudenti jintalbu jfissruhom fil-kuntest tas-silta. Għandu jiġi evitat kliem arkajku u tekniku imma fejn ikun neċessarju għall-fehim tas-silta, għandu jitfisser permezz ta'noti fil-qiegħ tal-paġna (*footnotes*). Minn dawn in-noti m'għandux ikun hemm iktar minn erbgħa f'test wieħed għall-qari.
Il-mistoqsijiet jistgħu jġorru nofs marka, marka jew aktar. Il-marki mogħtija għandhom jirriflettu t-toqol u l-impenn tat-tweġiba mistennija u għandu jkollha l-ispazju kollu xieraq biex l-istudenti jiktbu kemm meħtieġ. L-istudenti jintalbu jwieġbu għażla ta' mistoqsijiet li jistgħu jkunu referenzjali, miftuħa, u/jew b'għażla multipla. Jistgħu jintalbu jagħtu r-reazzjoni, l-opinjoni u/jew il-ġudizzju tagħhom u dawn iridu jkunu msaħħa b'fatti u evidenza mit-test moqri. L-istudenti mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi f'dan it-taħriġ.

*Għat-tul tat-test ara t-Tabella B f'Appendiċi 2.*

**ii) Għarfien il-Lingwa (4 marki)**

L-istudenti jkunu mitluba jwieġbu mistoqsijiet fuq l-aspett lessikali u idjomatiku ta' xi partijiet mit-test. Jistgħu jsiru wkoll mistoqsijet fuq il-lingwa użata fit-test u l-effett/i li toħloq u kif huma bħala qarrejja jirreaġixxu għaliha. F'dawn il-mistoqsijiet l-istudenti għandhom ikunu ggwidati biex isibu l-kelma/kliem mistħarrġa kemm billi tingħata r-referenza tal-paragrafu kif ukoll billi l-kelma/kliem fit-test ikunu mmarkati bil-grassett. L-istudenti mistennija li jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi f'dan it-taħriġ.
Il-mistoqsijiet jistgħu jġorru nofs marka, marka jew aktar. Il-marki mogħtija għandhom jirriflettu t-toqol u l-impenn tat-tweġiba mistennija u għandu jkollha l-ispazju kollu xieraq biex l-istudenti jiktbu kemm meħtieġ.

**ii) Il-Grammatika (8 marki)**

L-istudenti jingħataw silta oħra qasira ta' madwar 100 kelma (ara *t-Tabella F f'Appendiċi 2*) biex minnha jwieġbu mistoqsijiet ta' xeħta grammatikali. Wara li jaqraw is-silta l-istudenti jkunu mitluba jwieġbu tmien mistoqsijiet ta' marka-il waħda. **Il-mistoqsijiet jistgħu jittrattaw aspetti**

**grammatikali li l-istudenti jkunu koprew fit-tielet u r-raba' sena tas-sekondarja.** Dawn il-mistoqsijiet għandhom isiru bil-għan li l-istudenti jkunu mistħarrġa fuq l-għarfien tagħhom tal-morfoloġija Maltija u għalhekk m'għandhomx jingħataw mistoqsijiet fuq eċċezzjonijiet estremi u kliem arkajku.
L-istudenti huma mistennija li jiktbu b'Malti tajjeb u korrett għaliex f'dawn it-tweġibiet ser tkun assessjata l-ortografija. Il-marka tingħata sħiħa biss jekk it-tweġiba tkun tajba u miktuba sewwa ortografikament u ma jingħatawx nofs marki f'din il-parti tal-karta.
Il-mistoqsijiet iġorru marka kull waħda. It-tweġiba għandha tkun riflessa fil-piż ta' marki li tingħata u kull tweġiba għandu jkollha l-ispazju kollu xieraq fejn l-istudenti jiktbu t-tweġiba.

### iv) Il-Kitba Komunikattiva (8 marki)

L-istudenti jingħataw **żewġ titli tal-istess ġeneru ta' kitba u jintalbu jiktbu fuq wieħed minnhom.** Għan-numru ta' kliem ara *t-Tabella D f'Appendiċi 2*. Il-ġeneri huma d-djalogu (kitba sħiħa jew tkomplija), l-ittra postali u elettronika (formali u informali), ir-rapport ta' ġrajja jew avveniment, l-artiklu qasir biex jesprimu opinjoni, id-deskrizzjoni ta' post/attività/persuna, l-għoti ta' pariri, direzzjonijiet u istruzzjonijiet.
F'din il-parti tal-kitba, l-istudenti jiġu assessjati fuq il-kontenut tal-kitba, it-tħaddim tal-ġeneru, l-ortografija u l-punteġġjatura. Dawn iridu jidhru fil-kriterji tal-assessjar fl-iskema tal-marki għall-korrettur.

### v) Il-Komponiment Ġenerali (20 marka)

L-istudenti jingħataw erba' titli ta' komponimenti biex jagħżlu titlu wieħed u jikbtu fuqu. *Għall-ammont tal-kliem li jridu jiktbu skont ir-rotta li qegħdin fiha, ara t-Tabella Ċ f'Appendiċi 2.*
It-titli mogħtija għandhom ikunu wieħed minn kull xejra ta' dawn li ġejjin: narrattiva, deskrittiva, argumentattiva u espożitorja (eż. taħdita u diskors fuq tema). It-titli jistgħu jkunu fil-forma ta' sentenza fattwali, stqarrija, mistoqsija, għajdut popolari jew qawl, argument u kontra argument. Fil-komponiment, l-istudenti huma mistennija li jiktbu b'Malti tajjeb, idjomatiku u mexxej, u juru li kapaċi jesprimu ħsibijiethom b'mod ċar, loġiku, f'sekwenza u koerenza bla repetizzjonijiet żejda. L-assessjar tal-kitba jsir skont kriterji stabbilit fl-iskema tal-marki u jkun hemm allokati marki għall-format u t-tqassim korrett skont kif jitlob il-ġeneru tal-kitba, il-lessiku u l-idjoma użati kif ukoll l-oriġinalità u l-kreattività murija mill-istudent. L-ortografija u l-punteġġjatura huma assessjati f'dan l-eżerċizzju.

## 3.2 It-Tieni Taqsima: Il-Letteratura (30 marka)

Din it-taqsima fiha żewġ partijiet li huma:

### i) Referenza għall-kuntest tal-poeżiji u n-novelli ta' *Bejn Ħaltejn* (15-il marka)

L-istudenti jingħataw għażla minn żewġ mistoqsijiet biex iwieġbu waħda. Iż-żewġ mistoqsijiet ikunu jew it-tnejn fuq il-poeżija jew it-tnejn fuq in-novella. It-testi jingħażlu minn dawk preskritti li jsiru fir-raba'sena mill-antoloġija *Bejn Ħaltejn*.

Għar-referenza jistgħu jingħata t-test sħiħ jew silta rappreżentattiva minnu. L-istudenti jintalbu li wara li jaqraw it-testi u l-mistoqsijiet mogħtija, jagħżlu mistoqsija waħda u jweġbuha skont kif mitlub.
Il-mistoqsijiet jistgħu ikunu ffukati kemm fuq is-silta mogħtija fl-eżami u anke fuq it-test sħiħ.Il-mistoqsijiet jistgħu jkunu kemm ta' referenza diretta, t'interpretazzjoni u evalwazzjoni kif ukoll marbutin ma' metrika u prosodija. *Għat-termini letterarji li jistgħu jintalbu li jitwieġbu mill-istudenti wieħed għandu jirreferi għal-lista f'Appendiċi 3*. Ikun mistenni li barra li l-istudenti jkunu kapaċi jisiltu l-eżempju mitlub tat-terminu letterarju, jagħrfu wkoll l-effetti tiegħu kemm fit-test kif ukoll fuqhom bħala qarrejja.
L-istudenti mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur minkejja li ma jitnaqqsux marki għall-iżbalji ortografiċi.

**ii) Il-Komponiment Letterarju fuq ir-rumanz *Il-Ħarsa ta' Rużann* (15-il marka)**

L-istudenti jingħataw żewġ titli biex jagħżlu wieħed u jiktbu komponiment letterarju fuqu. *Għat-tul ta' kliem ara t-Tabella E f'Appendiċi 2 skont ir-Rotta tal-istudent.*
Biex isaħħu l-argumentazzjoni tagħhom, l-istudenti jistgħu jagħtu **(mhumiex obbligati)** xi kwotazzjonijiet twal u/jew qosra mit-testi letterarji li jagħżlu li jinkludu. Il-kwotazzjonijiet it-twal jistgħu jkunu twal bejn 5 u 8 kelmiet, f'linja għalihom u fil-virgoletti, u meħudin kelma b'kelma mit-test. Fejn jidħlu l-kwotazzjonijiet il-qosra (ta' kelma waħda jew tnejn) l-istudenti huma liberi li jdaħħlu minnhom fit-test skont kemm iħossu meħtieġ biex jiċċaraw u jsostnu aħjar il-kitba tagħhom.
L-istudenti mistennija jiktbu b'Malti korrett u li jinqara u jinftiehem sewwa mill-korrettur għaliex jitnaqqsu marki għall-iżbalji ortografiċi skont kif indikat fl-iskema tal-marki.

## Appendiċi 1A:

## Istruzzjonijiet għall-eżami tas-smigħ b'żewġ siltiet (tat-Tielet Klassi Rotta 1)

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmu l-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom:
   ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***
2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom:
   ***"Issa se naqralkom l-ewwel silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***
3. L-għalliema jaqraw l-ewwel silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darba oħra."***
4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tal-ewwel silta. Wara jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***
5. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu ftit ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Wara jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom it-tieni silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***
6. L-għalliema jaqraw it-tieni silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darba oħra."***
7. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.
8. L-għalliema jgħidu lill-istudenti:
   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

9. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti:

***"Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

10. L-għalliema għandhom jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru u l-istudenti jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Appendiċi 1B:

## Istruzzjonijiet għall-eżami tas-smigħ b'silta waħda

1. L-għalliema tal-Malti li se jmexxu l-eżami tas-smigħ isellmu lill-istudenti u wara li jitqassmul-karti tal-eżami tas-smigħ jgħidulhom:

   ***"Bonġu. Nitlobkom biex tiktbu isimkom, kunjomkom u l-klassi fil-post ipprovdut fil-karta ta' quddiemkom."***

2. Meta l-għalliema jaraw li l-istudenti lestew, jgħidulhom:

   ***"Issa se naqralkom is-silta. Nitlobkom toqogħdu attenti għall-qari. Ma tistgħux tiktbu jew taħdmu l-eżerċizzji waqt li nkun qed naqralkom is-silta."***

3. L-għalliema jaqraw is-silta kollha b'ritmu meqjus u meta jispiċċaw mill-qari jgħidu lill-istudenti:

   ***"Issa se naqralkom l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji li tridu taħdmu fuq is-silta li għadkom kemm smajtu. Tistgħu taħdmuhom waqt li qed naqra. Infakkarkom li s-silta ser terġa' tinqralkom darba oħra."***

4. L-għalliema jaqraw l-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji kollha kif hemm fil-karta. Wara dan il-qari l-istudenti jingħataw ftit ħin biex jaħdmu qabel ma jibda t-tieni qari tas-silta.

5. L-għalliema jgħidu lill-istudenti:

   ***"Issa se naqralkom għat-tieni u l-aħħar darba s-silta flimkien mal-istruzzjonijiet u l-eżerċizzji. Tistgħu tkomplu taħdmu waqt dan il-qari."***

6. Kif l-għalliema jtemmu t-tieni qari jagħtu l-ħin biex l-istudenti jkomplu jaħdmu l-karta. Hekk kif tgħaddi kwarta mill-bidu tal-eżami, l-għalliema jgħidu lill-istudenti:

   ***"Il-ħin tal-eżami għadda. Jekk jogħġobkom ieqfu mill-kitba u se niġbor il-karti. Grazzi."***

7. L-għalliema għandhom jaraw li l-karti kollha tal-eżami tas-smigħ jinġabru qabel l-istudenti jkomplu bl-eżami tal-qari u l-kitba.

## Appendiċi 2: In-numru ta' kliem fil-kitbiet u t-testi

### A. In-numru ta' kliem fit-testi tal-fehim mis-smigħ

| | **Livell 5-6-7** | **Livell 6-7** | **Livell 7-8** |
|---|---|---|---|
| L-1 Sena | 100+100 | 100+150 | 150+150 |
| It-2 Sena | 100+100 | 100+150 | 150+150 |
| | **ROTTA 1** | **ROTTA 2** | **ROTTA 3** |
| It-3 Sena | 100+150 | 300 | 350 |
| Ir-4 Sena | 100+150 | 300 | 350 |
| | **ROTTA 1** | | **ROTTA 3** |
| Il-5 Sena | 100+150 | | 100 (fl-oral) |

### B. In-numru ta' kliem fit-test tal-fehim mill-qari

<table>
<tr><th></th><th>Livell 5-6-7</th><th>Livell 6-7</th><th>Livell 7-8</th></tr>
<tr><td>L-1 Sena</td><td>200</td><td>250</td><td>300</td></tr>
<tr><td>It-2 Sena</td><td>200</td><td>250</td><td>300</td></tr>
<tr><td></td><td>ROTTA 1</td><td>ROTTA 2</td><td>ROTTA 3</td></tr>
<tr><td>It-3 Sena</td><td>250</td><td colspan="2">300</td></tr>
<tr><td>Ir-4 Sena</td><td>250</td><td colspan="2">325</td></tr>
<tr><td></td><td>ROTTA 1</td><td>ROTTA 2</td><td>ROTTA 3</td></tr>
<tr><td>Il-5 Sena</td><td>300</td><td colspan="2">350</td></tr>
</table>

**Ċ. In-numru ta' kliem tal-komponiment ġenerali (il-kitba)**

<table>
<tr><th></th><th>Livell 5-6-7</th><th>Livell 6-7</th><th>Livell 7-8</th></tr>
<tr><td>L-1 Sena</td><td>100</td><td>150</td><td>200</td></tr>
<tr><td>It-2 Sena</td><td>150</td><td>200</td><td>250</td></tr>
<tr><td></td><td>ROTTA 1</td><td>ROTTA 2</td><td>ROTTA 3</td></tr>
<tr><td>It-3 Sena</td><td>150-180</td><td colspan="2">250</td></tr>
<tr><td>Ir-4 Sena</td><td>180-200</td><td colspan="2">300</td></tr>
<tr><td>Il-5 Sena</td><td>180-200</td><td colspan="2">350</td></tr>
</table>

**D. In-numru ta' kliem tal-kitba komunikattiva**

**(Ittra, avviż, djalogu, rapport...)**

<table>
<tr><th></th><th>Livell 5-6-7</th><th>Livell 6-7</th><th>Livell 7-8</th></tr>
<tr><td>L-1 Sena</td><td colspan="3" rowspan="2">40-60</td></tr>
<tr><td>It-2 Sena</td></tr>
<tr><td></td><td>ROTTA 1</td><td>ROTTA 2</td><td>ROTTA 3</td></tr>
<tr><td>It-3 Sena</td><td rowspan="2">50-70</td><td colspan="2" rowspan="2">60-80</td></tr>
<tr><td>Ir-4 Sena</td></tr>
<tr><td></td><td>ROTTA 1</td><td>ROTTA 2</td><td>ROTTA 3</td></tr>
<tr><td>Il-5 Sena</td><td>50-70</td><td colspan="2">80-100</td></tr>
</table>

## E. In-numru ta’ kliem mistenni fil-kitbiet/komponimenti letterarji

| Is-Sekondarja | ROTTA 2 | ROTTA 3 |
|---|---|---|
| It-3 Sena | 100-120 | |
| Ir-4 Sena | 200 | |
| Il-5 Sena | 200 | |

## F. In-numru ta’ kliem tat-test għat-taħriġ grammatikali

| Is-Sekondarja | ROTTA 1 | ROTTA 2 | ROTTA 3 |
|---|---|---|---|
| It-3 Sena | 60 | 80 | |
| Ir-4 Sena | 70 | 100 | |
| Il-5 Sena | 80 | 100 | |

## Appendiċi 3:

## It-Termini Letterarji assessjati fl-eżamijiet annwali

**Nota lill-għalliema:** Din il-lista ta' termini letterarji hija mibnija fuq dik maħruġa fis-sillabu taċ-ĊES 2015 u tindika t-termini letterarji li l-istudenti huma mistennija jkunu jafu meta jersqu għal dan l-eżami. It-termini qed jitqassmu fuq is-snin kollha tas-sekondarja biex għal skop ta' assessjar l-istudenti jkunu jafu liema termini jistgħu jiġu mistoqsija fuqhom. Madankollu jekk waqt il-lezzjoni tal-letteratura l-istudenti jistaqsu jew jiltaqgħu ma' terminu letterarju li ma jkunx fil-lista għal dik is-sena l-għalliema huma liberi li jispjegawh, jagħtu l-isem u l-funzjoni tiegħu fix-xogħol letterarju, dejjem skont il-livell u l-ħiliettal-istudenti li jkollhom quddiemhom. L-għalliema jridu joqogħdu attenti li ma jidħlux f'dettalji żejda fuq terminoloġija u jċajpru l-iskop estetiku u funzjonali tat-termini fit-tiswir tax-xogħol. L-istudenti għandhom jiġu mgħallma japprezzaw dawn il-mekkaniżmi li jagħmlu d-diskors letterarju differenti minn dak ta' kuljum u għandhom ikunu mħeġġa li jiddiskutu l-effetti tagħhom fuqhom u fuq ix-xogħol inġenerali.

**L-għalliema għandhom jagħtu aktar importanza lil-letterarjetà tat-test u mhux jittieħed biss bħala eżerċizzju ieħor fil-fehim mill-qari.**

| It-Terminu Letterarju | L-1 Sena | | | It-2 Sena | | | It-3 Sena | | | Ir-4 Sena | | | Il-5 Sena | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 5-7 | 6-7 | 7-8 | 5-7 | 6-7 | 7-8 | R1 | R2 | R3 | R1 | R2 | R3 | R1 | R2 | R3 |
| **Il-Mudelli tal-Ħoss** | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-alliterazzjoni | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| L-eliżjoni | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| Il-metru: il-vers regolari | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Il-metru: il-vers ħieles | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| L-onomatopea | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Ir-rima (għarfien tagħha) | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Ir-rima mbewsa | | | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |

| **It-Terminu Letterarju** | **L-1 Sena** | | | **It-2 Sena** | | | **It-3 Sena** | | | **Ir-4 Sena** | | | **Il-5 Sena** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **5-7** | **6-7** | **7-8** | **5-7** | **6-7** | **7-8** | **R1** | **R2** | **R3** | **R1** | **R2** | **R3** | **R1** | **R2** | **R3** |
| Ir-rima alternata | | | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Ir-rima interna | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| Ir-rima ħielsa | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| It-ton tal-poeżija | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| It-ton tal-proża | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| **Il-Lingwa Figurattiva** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Il-metafora | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| Il-personifikazzjoni | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Is-sineddoke | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| Is-similitudni | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| **Il-Mudelli Rettoriċi** | | | | | | | | | | | | | | | |
| Ir-repetizzjoni | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| L-anafora | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| L-epiżewsi | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| L-anadiplosis | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| L-antiteżi | | | | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| L-apostrofi | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| L-ewfemiżmu | | | | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| L-iperbole | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| L-ironija | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |

| **It-Terminu Letterarju** | **L-1 Sena** | | | **It-2 Sena** | | | **It-3 Sena** | | | **Ir-4 Sena** | | | **Il-5 Sena** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **5-7** | **6-7** | **7-8** | **5-7** | **6-7** | **7-8** | **R1** | **R2** | **R3** | **R1** | **R2** | **R3** | **R1** | **R2** | **R3** |
| Il-mistoqsija rettorika | | | | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Il-paradoss | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| Is-sarkażmu | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| **L-Aspetti Strutturali** | | | | | | | | | | | | | | | |
| L-asindeto | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| Iċ-ċesura | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| L-enjambment | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| L-indenzjoni | | | | | | | | | | | | ✓ | | | ✓ |
| Il-paralleliżmu | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Il-polisindeto | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| Referenza għal xogħol ieħor | | | | | | | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ | | ✓ | ✓ |
| L-istrofa | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |
| Il-vokabularju magħżul (reġistru) | | | | | | | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ | ✓ |